MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-8 ta' April, 2003

Numru. 954/2002

PULIZIJA
SPETTUR MARIO TONNA
VS
RONALD CAMILLERI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ronald Camilleri ta' 21 sena imwieled Pieta nhar it-3 ta' Marzu 1981 bin Alfred u Emmanuela nee Vidal u residenti Flat 4 St Paul's Court Triq il-Pijunieri San Pawl il-Bahar detentur tal-karta tal-identita numru 131081M talli gewwa Triq Dragunara San Giljan u Triq Santu Wistin San Giljan nhar is-7 ta' Settembru 2002 bejn 10pm u 00.00am ta' 8 ta' Settembru 2002 ikkommetta serq ta' flus minn gewwa handbag liema serq jammonta ghal Lm115 Josianne Gatt mir-Rabat Malta kif wkoll Quikcash  Card ghad-dannu tal-Bank Kummerjcali HSBC, serq huwa kkwalifikat bil-hin u

bil-valur dan ai termini tal-artikoli 261, 263, 264 (2), 267, 270 u 18 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew kwalifiki foloz, jew billi inqeda b’qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ohra saibex igieghel titwemmen l-esistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta’ haddiehor u dan ghad-dannu ta’ Josianne Gatt mir-Rabat Malta u tal-Bank Kummercjali HSBC plc Malta u dan ai termini tal-artikolu 308 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi bi hsara ta’ haddiehor, ghamel qliegh iehor b’qerq mhux imsemmi fl-artikoli ta’ qabel ta’ dan is-sub titolu u dan ai termini tal-artikolu 309 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tat-8 t’April 2003 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 261, 263, 264(2), 267, 270, 10 u 308 tal-kap 9 u Art 5 tal-kap 152 u tqieghed lill-imputat taht ordni ta’ supervizzjoni taht il-probation officer Carmen Nygaard ghal perjodu ta’ tmintax il-xahar.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

---------------------------------TMIEM---------------------------------